

Brussell, 21 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15663/23

ENV 1334

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	17 ta' Novembru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 709 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW dwar l-eżerċizzju tas-setgħa li tadotta atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont id-Direttiva 2002/49/KE li tirrigwardja l-istudju u l-amministrazzjoni tal-fsejjes ambjentali

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 709 final.

Mehmuż: COM(2023) 709 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.11.2023
COM(2023) 709 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT
EWROPEW**

**dwar l-eżerċizzju tas-setgħa li tadotta atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont id-
Direttiva 2002/49/KE li ttrigwardja l-istudju u l-amministrazzjoni tal-ħsejjes
ambjentali**

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI
LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW
dwar l-eżerċizzju tas-setgħa li tadotta atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont id-
Direttiva 2002/49/KE li tirrigwardja l-istudju u l-amministrazzjoni tal-ħsejjes
ambjentali

1. INTRODUEZZJONI

Id-Direttiva 2002/49/KE li tirrigwardja l-istudju u l-amministrazzjoni tal-ħsejjes ambjentali ⁽¹⁾ (minn hawn 'il quddiem, "id-Direttiva dwar il-Ħsejjes Ambjentali") tistabbilixxi r-regoli biex jiġi stabbilit approċċ komuni maħsub biex jevita, jipprevjeni jew inaqqas, skont il-prijorità, l-effetti ta' ħsara, inklużi l-fastidju u d-disturb waqt l-irqad, ikkawżati mill-esponiment għall-istorbju ambjentali.

Għal dan l-għan, id-Direttiva tirrikjedi li l-esponiment għall-istorbju jiġi vvalutat bl-użu tal-istess metodoloġija madwar l-UE. Dawn il-metodi huma ddefiniti fl-Anness II tad-Direttiva. Dan l-Anness irid, għalhekk, jinżamm aġġornat mal-iżviluppi tekniċi, inkluż l-aġġustamenti biex jiġi kkoreġut il-metodu eżistenti għall-iżbalji identifikati mill-utenti finali.

L-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar il-Ħsejjes Ambjentali jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 12a biex tadatta ċerti Annessi, inkluż l-Anness II, f'konformità mal-progress tekniku u xjentifiku.

L-Artikolu 6(2) jipprevedi li "*[i]l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 12a li jemendaw l-Anness II sabiex jiġu stabbiliti metodi ta' valutazzjoni komuni għad-determinazzjoni ta' Lden u Lnight.*"

2. BAŻI ĠURIDIKA

Dan ir-rapport huwa meħtieġ skont l-Artikolu 12a tad-Direttiva dwar il-Ħsejjes Ambjentali. Skont dan l-artikolu, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta l-atti delegati għal perjodu ta' 5 snin mis-26 ta' Lulju 2019. Barra minn hekk, il-Kummissjoni hija mistennija tħejji rapport dwar is-setgħat delegati, sa mhux iktar tard minn 9 xhur qabel tmiem il-perjodu ta' 5 snin.

Skont l-Artikolu 12a(2), id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' tul ta' żmien identiku, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux din l-estensjoni, mhux iktar tard minn 3 xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. EŻERĊIZZJU TAD-DELEGA

¹ ĠU L 189, 18.7.2002, p. 12, kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1137/2008 tat-22 ta' Ottubru 2008, bid-Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2015/996 tad-19 ta' Mejju 2015, bir-Regolament (UE) 2019/1010 tal-5 ta' Ġunju 2019, bir-Regolament (UE) 2019/1243 tal-20 ta' Ġunju 2019, bid-Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2020/367 tal-4 ta' Marzu 2020 u bid-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2021/1226 tal-21 ta' Diċembru 2020.

Matul il-perjodu kopert minn dan ir-rapport, il-Kummissjoni adottat att delegat wieħed, id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2021/1226 tal-21 ta' Diċembru 2020².

Din id-direttiva delegata emendat l-Anness II tad-Direttiva dwar il-Ħsejjes Ambjentali, biex tadattah għall-progress xjentifiku u tekniku. Jiġifieri, l-emenda għall-Anness II aġġornat il-metodu għall-kalkolu tal-livelli tal-istorbju, li jipprovi dettalji tekniċi dwar il-proċeduri, jistabbilixxi l-formuli u jagħti l-valuri tal-input meħtieġa għall-kalkolu tal-livelli tal-istorbju li huma ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent.

Waqt it-tnejn tad-direttiva delegata, il-Kummissjoni kkooperat ma' esperti tekniċi u xjentifiċi tal-Istati Membri biex tivvaluta liema adattamenti kienu meħtieġa filwaqt li jitqiesu l-avvanzi tekniċi u xjentifiċi fil-kalkolu tal-istorbju ambjentali. Dan il-proċess sar f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Grupp ta' Esperti dwar l-Istorbju, magħmul minn Stati Membri, il-partijiet ikkonċernati tal-industrija, l-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri, l-NGOs, iċ-ċittadini u d-dinja akkademika³.

² *ĠUL 269, 28.7.2021, p. 65-142*

³ Ara b'mod partikolari t-12 u t-13-il laqgħa tal-Grupp ta' Esperti dwar l-Istorbju: <https://ec.europa.eu/transparency/expert-groups-register/screen/meetings/consult?lang=mt&meetingId=19771&fromExpertGroups=2809>; <https://ec.europa.eu/transparency/expert-groups-register/screen/meetings/consult?lang=mt&meetingId=22455&fromExpertGroups=2809>